# L-EVOLVIMENT TAL-KARNIVAL F'MALTA

Inċident vjolenti serju li qisu qatt ħadd ma ta kasu u li sewa l-ħajja ta' bosta Maltin, seħħ fil-Karnival tal-1763. Tant kien serju li kemm il-Gran Mastru kif ukoll il-Kavallieri mhux biss beżgħu li l-poplu Malti jidħol il-Belt biex jattakkahom, talli għal numru ta' snin ma baqgħetx tkun organizzata l-Kukkanja, li kienet tiġbed eluf ta' Maltin imċerċra fil-Pjazza tal-Palazz.

Biex insiru nafu aktar fuq il-Karnival fih innifsu u fuq din il-ġrajja, tkellimt mal-Prof William Zammit, Kap tad-Dipartiment li jorganizza korsijiet fuq l-Arkivistika u l-Bibljotekonomija fl-Università ta' Malta.

Minn **CHARLES B. SPITERI**



**Profs. Zammit, meta nsibu l-ewwel Karnival *organizzat* f'pajjiżna?**

Fl-Istorja ta' Malta kultant jingħadu ċerti żbalji li ma tantx thassarhom malajr, peress li nsibu ħafna ripetizzjonijiet. F'kotba ta' ċertu żmien hemm isostnu li l-ewwel Karnival sar meta ġew il-Kavallieri u jagħtu d-data tal-1535. Hu minnu li kien Karnival kbir u bil-maskri, iżda mhux tassew li kien l-ewwel wieħed.

Naturalment, aħna nafu li l-Karnival hu parti mill-kalendarju liturġiku tal-Knisja Kattolika, fis-sens li l-Karnival jikkonsisti f'dawk il-ftit ġranet ta' divertiment; li fihom tista' tiekol u tixxala, għax imbagħad għandek 40 jum ta' sawm tar-Randan. Fl-antik kienu tabilħaqq 40 jum ta' sawm u sagrifiċċju. Jiġifieri dan il-kuntest ma twelidx meta ġew il-Kavallieri f'Malta.

Illum għandna riċerka li turi li l-Karnival kien isir f'pajjiżna qabel l-1530. Li ġara mal-Kavallieri u lanqas mill-ewwel, kien li fi żmienhom, il-Karnival sar iżjed elaborat. Għax bħalma ġara f'kollox, meta ġew il-Kavallieri, peress li kellhom il-flus u sfond Ewropew, l-arkitettura u l-arti ħadu spinta 'l quddiem. L-istess ġara bil-Karnival.

B'hekk hemm proċess fejn il-Karnival fi żmien il-Kavallieri, kien trasformat minn festa reliġjuża iżda moderata, għal festa fejn qed jidħol aktar u aktar l-Istat.

**X'jiġifieri jidħol l-Istat?**

Fi żmien il-Kavallieri, speċjalment mal-bidu tas-Seklu 18, għandek il-fenomenu tal-assolutiżmu fil-poter. Il-Gran Mastri, li kienu l-Kapijiet tal-Ordni u l-Kapijiet ta' Malta, riedu li kulma jsir f'pajjiżna, inklużi l-festi u l-Karnival jinbidlu f'festi ta' ċelebrazzjoni tal-Mexxej.

**Jiġifieri xhedna xi żviluppi differenti fil-mudell tal-Karnival?**

L-ewwel nett il-Karnival kien jibda meta l-Gran Mastru kien joħroġ dak li jgħidulu l-Bandu tal-Maskri, għax fi ġranet normali, ħadd ma seta' jilbes maskra, peress li din kienet is-simbolu li dak li jkun qed jaħbi l-identità tiegħu biex jagħmel xi att kriminali. Iżda għall-jiem tal-Karnival, is-Sultan kien jagħti l-liċenzja lil dak li jkun, li jista' jinbidel għal dawk il-jiem. Dan għax il-maskra tagħti identità differenti lil dak li jkun.

**Fil-maskra, hemm xi aspett Venezjan?**

Ħa ngħidu hekk: din tal-maskri kienet fil-Karnivali ta' kullimkien, iżda naturalment, Venezja hu fost l-iktar magħrufin. L-idea tal-Karnival hi li għandek perjodu ta' ftit ġranet, li matulhom kważi ssir persuna differenti u twarrab dawk in-normi soċjali li s-soltu jżommuk lura.

**Qisek tkun ħadt droga?**

Preċiżament. U element importanti biex twarrab in-normi hu li anki mil-lat fiżiku, ma tibqax tidher bħas-soltu. Allura tilbes kostum u maskra u tibdel il-personalità solita tiegħek.

**Jiġifieri kien ikun hemm stennija kbira biex il-Gran Mastru joħroġ dan il-bandu tal-maskri?**

Fi żmien il-Gran Mastru Nicholas Cotoner, li laħaq wara l-mewt ta' ħuh Rafel, ma ħariġx il-bandu tal-maskri, bħala luttu. Għal dan insibu r-referenzi fid-djarji, li jsemmu li kien hemm skuntentizza fost il-poplu, għax dari l-Karnival kien ferm iktar importanti milli hu llum. Forsi għax illum in-nies għandha aktar fiex tixxala u għandna żżejjed fiex tedha. Irridu mmorru lura 300 sena, fejn il-Karnival kien wieħed mill-avvenimenti annwali li kien joffri sfog lill-poplu.

**U x'kien jiġri meta joħroġ il-bandu?**

Ladarba joħroġ, kien jimmarka l-bidu tal-Karnival, li fi żmien l-Ordni kien jinżamm bejn il-Ġimgħa u t-Tlieta ta' wara. Kienu jorganizzaw sew u anki Kavallieri kienu jieħdu sehem, fejn insibu riferenzi għall-Kumittivi, jiġifieri gruppi li jagħmlulek żfin b'kostumi mill-isbaħ. Jien sibt referenzi fejn inġiebu kostumi Sudamerikani u dan qed nitkellmu fuq Malta fl-1686. Jiġifieri kollox kien elaborat ħafna.

L-istess il-Maltin ta' klassi għolja, għax ġeneralment kien ikun hawn l-influwenza tal-Ordni u s-sinjuri Maltin kienu jikkupjaw u jilbsu kostumi rikki li jiswew il-flus.

**U l-Karnival kien għal kull strata tas-soċjetà hux?**

Iva. Kien waħda mill-ftit okkażjonijiet 'demokratiċi' li kellek fis-sekli 16 sa 18. Id-differenza prinċipali kienet tkun fl-ilbies. Is-sinjuri jilbsu lbies li jiswew flejjes kbar, waqt li l-Malti jew jilbes ħaġa miżera jew bħas-soltu. Iżda xorta jidħol il-Belt, għax il-qawwa tal-Karnival kienet hemmhekk.

**Kienu jsiru Karnivali oħra xi mkien ieħor?**

F'Ħal Qormi u rħula oħra wkoll kienet issir attività karnivaleska, iżda l-qofol tal-Karnival veru u proprju kien ikun il-Belt. U eluf kbar ta' Maltin, sinjuri u foqra kienu jattendu, jekk xejn bħala spettaturi.

Imbagħad kien ikollok ċerti evolvimenti ġodda. Pereżempju fil-bidu tas-Seklu 18 kien hawn il-Gran Mastru Taljan Zondadari, li beda s-sistema tal-karrijiet

**“Fi żmien il-Kavallieri, speċjalment mal-bidu tas-Seklu 18, għandek il-fenomenu tal-assolutiżmu fil-poter. Il-Gran Mastri, li kienu l-Kapijiet tal-Ordni u l-Kapijiet ta’ Malta, riedu li kulma jsir f’pajjiżna, inklużi l-festi u l-Karnival jinbidlu f’festi ta’ ċelebrazzjoni tal-Mexxej**

ENTERTAINMENT FOR THE MASSES



*Il-Qarċilla* being enacted during an 18th-century Carnival by Franceso Zimelli

imħallsin minnu u kien ikollu wieħed mimli bl-ikel u affarijiet tajbin, bil-paġġi jqassmu minnhom lill-pubbliku. U b’hekk naraw lill-Istat jidħol, jabbroga din il-festa u jibdilha.

**Speċi ta’ kif kien jagħmel Imperatur mal-gladjaturi?**

F’ċertu mod iva. Il-Karnival beda jintuża bħala eżerċizzju ta’ relazzjonijiet pubbliċi bejn is-Sultan u s-sudditi. Dan kollu biex jidher li s-Sultan hu ġeneruż, qed joffri spettaklu u ikel. Hawn irridu niftakru fiż-żminijiet ta’ faqar li l-Maltin kienu jgħixu fihom. U għalhekk kienu jmorru għal din il-‘festa’.

Wara Zondadari kien il-Gran Mastru Pinto li, bħal f’ħafna affarijiet oħra, ta żvolta ferm iżjed elaborata lill-Karnival Malti. Element ewlieni fost dawn kienet l-introduzzjoni tal-Kukkanja kif nafuha llum fil-Karnival.

Qablu kienet issir darba, fil-Calendimaggio, l-aħħar jum ta’ April, quddiem il-Palazz, il-Belt. Iwaqqfu l-arblu majjistru tax-xwieni midluk bix-xaħam, bl-ikel u annimali ħajjin imdendlin miegħu, joħroġ il-Gran Mastru fil-gallarija tal-Palazz, jagħti s-sinjal u jibda r-rambaġġ.

Fil-fatt, meta ftit snin ilu nqala’ l-paviment tal-Pjazza tal-Main Guard, instabet il-ħofra oriġinali fejn kien jiddaħħal l-arblu. Illum taraha jekk tittawwal fil-ħġieġa li saret. Minn żmien Pinto, inbidlet id-drawwa tal-karru li jqassam l-ikel u bdiet issir kukkanja oħra fi Pjazza Reġina, illum Pjazza Repubblika. Allura kien ikun hemm Kukkanja f’April fil-Pjazza tal-Palazz u oħra fi Frar fi Pjazza Repubblika, dak iż-żmien Piazza dei Cavalieri.

**Kif kienu jikkumparaw dawn il-Kukkanji?**

Dik tal-Karnival kienet ferm aktar rikka minn tal-Calendimaggio u b’hekk naraw li Pinto ħoloq dan il-kult, imħallas minnu, fejn sena wara l-oħra kull Kukkanja kienet tkun aktar abbundanti minn ta’ qabilha. Kollox kien jiddendel ma’ rota fil-għoli u fuq nett kien ikun hemm il-bandiera tal-Gran Mastru.

Il-kukkanja kienet ritwal shih. Jintrama l-arblu u jitqiegħdu l-gwardji armati madwarha biex ħadd ma jmiss minnha. Fil-jum mistenni, skont id-deskrizzjonijiet, il-Gran Mastru joħroġ fil-gallarija, fejn fil-Pjazza kien ikun hemm folol ta’ eluf. Is-sinjuri u n-nobbli komdi fil-gallarijiet biex jaraw l-ispettaklu, u l-popolin ħafi u mċerċer, fil-kesħa u x-xita ta’ Frar, jimbotta u jistenna.

**U r-ritwal x’kien?**

Li l-Gran Mastru joħroġ fil-gallarija, jagħti s-sinjal u jibda r-rambaġġ. Qabel, ħadd ma seta’ jmiss il-Kukkanja. U l-Gran Mastru kien jitqies li fil-ħniena kbira tiegħu, għax iħobb lill-poplu, jorganizza din il-festa lill-poplu.

**Kulħadd seta’ jieħu sehem?**

Kull min irid, iżda ħafna drabi min kien jirbaħ? In-nies b’saħħithom; Maltin ta’ fuq ix-xwieni, li jaħdmu fuq il-qlugħ. Jiġifieri għalihom, li titla’ ma’ arblu ma kien xejn.

In-nies kienu jixxabbtu biex jaħtfu biċċa laħam, annimali mdendlin ħajjin jew xi frott u ħaxix. U kważi f’kull Kukkanja kien ikun hemm nies li jweġġgħu, minkejja li jinxtered it-tiben fl-art. Iżda l-ikbar premju kien għal min jitla’ fuq nett u jniżżel l-istandard tal-Gran Mastru. Dan kien imur quddiem is-Sultan, li jagħtih zekkin tad-deheb.

**Kemm dam sejjer dan ir-ritwal?**

Sakemm inqaleb l-iskop li kien jigglorifika lil Pinto, li kien iħobbhom dawn l-affarijiet. Fl-1763 ġara li bħas-soltu kien hemm il-Kukkanja lesta. Inzertat ġurnata kesħa u xita; in-nies kulħadd jippressa fuq xulxin fil-Pjazza, jistennew sakemm il-Gran Mastru jogħġbu joħroġ fil-gallarija u jagħti s-sinjal. Iżda l-Gran Mastru ma ħariġx fil-ħin tas-soltu.

In-nies inġazzaw, sa ma fl-aħħar, xi ħadd tilef il-paċenzja u beda r-rambaġġ għall-Kukkanja qabel ma ngħata s-sinjal. Din il-ħaġa kienet diġà seħħet darbtejn oħra. Iżda dik id-darba, xi ħadd ta ordni biex il-gwardji ta’ mal-Kukkanja, flok iwarrbu u jħallu r-rambaġġ isir, iwaqqfu lill-Maltin.

Immaġina n-numru ta’ gwardji limitat ma’ dawk l-eluf ta’ nies, bid-differenza li l-gwardji kienu armati. U ġrat traġedja li mhix magħrufa u jien nittama li xi darba titwaħħal lapida f’dik il-pjazza li tfakkar dan l-inċident, li hu l-ikbar att vjolenti magħruf li seħħ mill-Istat fuq il-poplu Malti fi żmien l-Ordni.

Il-gwardji attakkaw bil-bajunetti u sar massakru. Mietu ’l fuq minn 60 ruħ, uħud fil-post, oħrajn fis-Sacra Infermeria. Min ma mietx, spiċċa arrestat ukoll, għax kiser ir-ritwal tal-istennija. Din ħadd ma jsemmiha. Insemmu biss kemm għandna bini sabiħ tal-Kavallieri, iżda meta nħaffru ftit, insibu dawn l-istejjer.

Kienet storja kbira li ħalliet il-konsegwenzi. Jiem wara nsibu li l-Gran Mastru u l-Kavallieri kienu mbeżżgħin li tidħol folla kbira ta’ Maltin il-Belt; din id-darba mhux biex iċċapċap u tieħu l-ikel tal-Kukkanja, iżda biex tattakka. U dan il-biża’ tant kien reali, li fil-Karnivali ta’ wara, il-Kukkanja ma saritx aktar.

**Jiġifieri nbdiet u ntemmet fi żmien Pinto?**

Iva. L-aħħar li saret kienet fl-1763 u wriet li s-Sultan ma baqax dak il-ħanin li jipprovdi l-ikel, imma wera snienu. Wara Pinto, kellna lil Ximenez u mbagħad il-Kukkanja reġgħet bdiet b’ċerti differenzi taħt il-Gran Mastru Franġiż de Rohan. Bdiet issir fil-Pjazza tal-Palazz ukoll u kienet iktar kontrollata, biex ma terġax isseħħ dik l-istorja terribbli.

**Il-maskri kienu introdotti fi żmien il-Kavallieri jew qabel?**

Mistoqsija interessanti. Sa fejn naf jien għad ma ltqajniex ma’ referenza ta’ maskri qabel il-Kavallieri, iżda ma jfissirx li ma kinux jintużaw. S’issa, l-ewwel darba li sibna Karnival elaborat, bil-maskri eċċetra, hu dak tal-1535.

**Hemm xi ħaġa oħra interessanti b’rabta mal-Karnival?**

Hemm il-Qarċilla, għax kif għedt, fil-Karnival kellek id-differenzi soċjali. Allura għandek il-Kukkanja għall-marmalja u l-kbarat fil-gallarija, jidħqu binnies, u l-ispettaklu fit-Teatru Pubbliku (it-Teatru Manoel) bl-aqwa ballijiet u kummiedji tal-Karnival bit-Taljan għall-Kavallieri u Maltin ta’ klassi għolja. Iżda l-poplu evolva wkoll it-teatru tiegħu tal-Karnival, u fost l-iktar importanti nsibu l-Qarċilla.

Kien ikollok tliet karattri ewlenin: in-Nutar, l-għarus u l-għarusa, fejn in-Nutar jaqra bil-Malti - għax dan kien spettaklu għall-popolin - il-kitba taż-żwieġ, fejn missier l-għarusa jgħaddi d-dota lil bintu. Kien jinkiteb fuq vena tad-daħq. Pereżempju: mejda bi tliet saqajn, inkwatru bla stampa. Kollox burlesk u ġieli vulgari. Għandna pittura importantissima tal-Favray, li turi xena tal-Karnival bil-Qarċilla. Jidher bniedem liebes ta’ Nutar u l-ambjent, appuntu fil-Piazza dei Cavalieri, b’nies sinjuri lebsin ilbies elaborat u oħrajn nies komuni.

**Nafu meta bdiet il-Qarċilla?**

Eżatt le, iżda għandna waħda minn tal-bidu li tmur lura għall-1760. Hu test bil-Malti, vulgari ħafna u titqies bħala waħda mill-ewwel kitbiet li għandna bi lsienna. Interessanti mil-lat soċjali, mil-lat karnivalesk u mil-lat lingwistiku. Dawn baqgħu jinkitbu b’mod differenti mas-snin, anki fi żmien l-Ingliżi. F’dawn l-aħħar Karnivali, il-Qarċilla ġiet irxuxtata.

**Ngħid sew li fil-Karnivali ħadd ma seta’ jipprova jwaqqa’ għaċ-ċajt ir-reliġjon?**

Dażgur. Hemm kienet tinqata’ l-linja. Għandna referenza tard fis-seklu 18, fejn xi ħadd libes ta’ papa u ieħor ta’ isqof, li kienet xi ħaġa mhux aċċettata. Filfatt, aktar tard, l-Ingliżi għamlu l-famuża liġi li fil-Karnival ħadd ma seta’ b’xi mod, jgħaddi botti kontra r-reliġjon, jew jilbes ta’ qassis jew soru.

Fil-Karnival insibu dimensjoni oħra. Kien hemm il-Karnival spiritwali, għax fiż-żmien li qed nirriferu għalih il-Knisja kellha relazzjoni ftit ambivalenti mal-Karnival. Taċċetta li kien żmien ta’ xalar qabel ir-Randan, iżda kienet tinkwieta u jdejjaqha l-eċċess tiegħu. Allura kien isir il-Karnival spiritwali. F’ħafna knejjes kien isir it-talb – il-kwaranturi. Kienu jsiru 40 siegħa bl-espożizzjoni tas-Sagrament. Dan kien isir bħala tpattija għall-esaġerazzjonijiet fit-toroq. U fost l-aqwa predikaturi nsibu lil Dun Ignazio Saverio Mifsud, wieħed mill-patrijotti kbar Maltin tas-seklu 18. Għandna f’manuskritti, il-prietki tal-kwaranturi bil-Malti li kien jagħmel. Dawn jekk xejn, huma teżori mil-lat lingwistiku u soċjali, għax fis-seklu 18 ftit li xejn kont issib min jikteb bil-Malti.

Il-Karnival kien fih diversi aspetti: l-element ta’ poter, ta’ divertiment u dak reliġjuż, li kienu jingħaqdu flimkien biex joħolqu din il-ħaġa unika.